TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Silvana u Jesmond Blackman

vs

Adrian Galea c/o Yal Electronics

CCT 78/18/MS

13 ta' Marzu 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Mejju 2018 fejn talbu ir-rifuzjoni ta' €490.00 prezz ta' television LED mixtri minghand il-konvenut, liema television wara xi sena immanifesta diffett li baqa' jippersisti nonostante intervent tal-azjenda intimata.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata/ konvenut fejn dina qalet illi d-diffett li kellu t-television kien naxxenti minn trab illi dahal fuq in-naha ta' wara li affettwa d-dehra tal-iscreen u wara tindifa t-television gie jiffunzjona tajjeb f'kull rispett.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' *cash sale involice* datat 16 ta' Novembru 2016 r-rikorrenti xtraw minghand l-azjenda intimata television tal-marka Atron 55 *inch smart TV* ghall-prezz ta' €490.00. Dan il-bejgh kien kopert b'garanzija ta' sentejn fuq *parts u labour*. Illi r-rikorrent jilmenta illi wara xi sena t-*television* beda jimmanifesta xi problemi fis-sens illi fil-parti ta' fuq - in - naha tax-xellug tal-iscreen - bdiet tidher griza. It-television ittiehed ghand l-azjenda intimata ghall-investigazzjoni. Xi hmistax wara, r-rikorrenti gie mgharraf illi kien dahal it-trab fuq in-naha ta' gewwa. Dana tnaddaf u peress li din is-sitwazzjoni ma kentix koperta bil-garanzija, l-azjenda intimata talbet €30.00 tal-ispezzjoni. Ir-rikorrenti hallas dawn it-tletin Euro taht protesta peress ill deherlu illi t-*television* kien ghadu kopert bil-garanzija. Ir-rikorrent ighid li jumejn wara, nnutaw problema gdida, fis-sens illi n-naha t'isfel tal-iscreen beda johrog qisu sfumatura bajda (Dok D). Rega' informa l-azjenda intimata fejn

qaltlu biex iggib it-*television* lura. Wara xi hmistax ir-rikorrent mar ghat-television, qabbad pen-drive u ghamel *test*. It-*test* kien wiehed posittiv, ma kienux jidhru problemi imma l-kuluri kienu skuri. Ghal din id-darba s-socjeta' intimata ma talbitx hlas. Meta r-rikorrent mar id-dar, giet *picture* bajda u regghu innutaw li kien hemm problemi *"on light colours'* - qisu *a ray of light*. Rega' kkuntattja l-azjenda intimata li din id-darba rrifjutat li jkollha x'taqsam aktar ma' dan it-*television*.

Illi min-naha l-ohra, Adrian Galea ghan-nom tal-azjenda intimata kkonferma il-bejgh u x-xiri tat-*television* in kwistjoni. Jikkonferma illi kellu ilment minghand ir-rikorrenti u kienu talbu illi jaraw it-*television* fil-*workshops* taghhom. Meta fethu t-*television*, fuq gewwa setghu jaraw trab fin. Staqsa lir-rikorrent jekk kienx hemm xi ventilatur fil-vicin u fil-fatt kien hemm. It-*television* tnaddaf u nghata lura jahdem. Ir-rikorrent rega' ilmenta t-tieni darba u meta l-haddiema tal-azjenda intimata marru fil-post fejn inzamm dan it-*television*, raw illi l-ventilatur kien sigillat bit-*tape*. Meta nfetah it-*television*, din id-darba wkoll kien hemm trab fin. Tnaddaf dan it-trab u t-television inghata lura lir-rikorrenti. Dwar l-ilment tar-ragg dawl, Galea ighid li dan xorta ma jaqax taht il-garanzija peress illi ma kienx xi diffett fil-*panel* u dan seta' gara peress li meta ssikkaw il-viti tal-*cover*, seta' kien hemm tension zejda fil-viti. It-television gie ppruvat fil-presenza tal-partijiet u ffunzjona tajjeb. Jidher illi r-rikorrent ma kienx sodisfatt peress illi rega' cempillu fuq diffett iehor. Izda din id-darba Galea deherlu li ma kellux jinvolvi ruhu iktar f'din il-kwistjoni.

Ikkunsidra

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali jidher illi hu pacifiku bejn il-partijiet illi t-*television* in kwistjoni kellu xi diffett. il-kwistjoni li nqalghat kienet jekk dan id-diffett kellux ikun kopert bil-garanzija jew le.

Ir-rikorrent ghamel l-ewwel ilment tieghu xi sena wara x-xiri tat-television, fejn l-istampa ma kenitx qed tkun cara u kienu qed jidhru xi linji fejn mhux suppost. It-*television* gie spezzjonat u l-azjenda intimata tghid illi sabet trab fin hafna fuq in-naha ta' gewwa tal-i*screen*. Dana tnaddaf u t-*television* inghata lura. Skond id-dokument tal-garanzija, din is-sitwazzjoni ma kellhiex tkun koperta bil-garanzija peress illi kienet xi haga estraneja ghat-*television* u kien kagun tal-ambjent li kien qed jinzamm. (Ara dokument tal-garanzija Dok B). L-azjenda intimata talbet il-hlas ta' tletin Euro ghal dan ix-xoghol. Wara li t-*television* gie konsenjat lura lir-rikorrent, dan xorta baqa' jimmanifesta sfumaturi fil-kulur tal-iscreen. Wara spezzjoni l-azjenda intimata regghet sabet lega ta' trab fin fuq in-naha ta' gewwa. Talbet lir-rikorrent jasal sal-*work-shops* taghhom sabiex jara dan it-trab. Izda dan ma giex. It-*television* inghalaq u inghata lura. Ghat-tielet darba ir-rikorrent ilmenta minn sfumaturi fl-iscreen u l-azjenda intimata attribwiet dan ghal fatt li l-viti tal-panel setghu gew issikati zejjed. Dawn gew mahlula u waqt prova fil-workshops it-*television* deher jahdem perfett. Inghata lura lir-rikorrent, illi wara li qieghdu fid-dar tieghu ra illi dehru sfumaturi ta' lewn iehor illi ma kienux a sodisfazzjoni tieghu. Ir-rikorrent rega' kellem lill-azjenda intimata li

pero' din id-darba ma reditx ikollha x'taqsam ma' dan it-*television.*

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet li t-tnejn jistghu jkunu verosimili. Veru illi t-*television* kellu t-trab fuq - jew gewwa - l-iscreen u t-tindif ta' dan it-trab ma kellux ikun kopert bil-garanzija. Minkejja kollox it-*television* baqa' ma ffunzjonax tajjeb u din id-darba id-difett seta' kien minhabba pressjoni zejda tal-viti meta l-*panel* gie imqieghed mal-iscreen, fejn allura jidhol element ta' nuqqas ta' sengha min-naha tal-azjenda intimata. Pero' wara dan, it-*television* kien qed jahdem tajjeb. Wara ftit hin pero' rega mmanifesta diffett fis-sens illi dehru sfumaturi fil-kuluri tat-television u s-sitwazzjoni baqghet hekk.

Ikkunsidra

Illi jekk ghall-ewwel kien hemm trab fuq l-iscreen din zgur illi kienet xi haga estraneja ghal manifattura tat-television u sa hawn l-azjenda intimata kellha ragun illi t-tiswija ma tkunx koperta bil-garanzija. Meta imbghad wrew nuqqas ta' sengha meta gew biex jaghlqu l-*panel* mal-iscreen, hemmhekk m'ghandux jahti r-rikorrent. Veru illi meta t-*television* kien fil-workshops tal-azjenda intimata dan hadem tajjeb, pero' dan irrid jahdem tajjeb il-hin kollu u mhux darba ghal perjodu limitat biss. Ghalhekk wara konsiderazzjoni, it-Tribunal ihoss li d-diffett immur ben oltre t-trab u l-intervent tal-azjenda intimata u stante li dan it-*television* illum mhuwiex qed jahdem mija fil-mija tajjeb u l-kawza ta' dan ma jistax jigi attribwit ghal xi operat esklussivament tort tar-rikorrent peress illi jista' jkun ukoll illi l-azjenda intimata ghandha xi kontribut ghal dan id-diffett. Pero, tajjeb jew hazin it-*television* ghadu f'idejn ir-rikorrent, ghandu aktar minn sentejn fuqu u ghadu jigi uzat.

It-Tribunal ghalhekk jidhrilu illi r-rikorrent ma haqqux l-ammont kollu li qed jitlob u cjoe' il-prezz ta' *television* gdid u minflok sejjer jaggusta l-kumpens dovut arbitrio bono viri biex issir gustizzja maz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat/ azjenda intimata li jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mija u hamsin Euro. Bl-ispejjes li ghandhom jibgqhu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru